MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru 16/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Joseph Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 16 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Joseph Buttigieg, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Marzu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) Joseph Buttigieg siefer lejn il- Kanada mal-familja tieghu. Xi granet wara li wasal il-Kanada huwa nizel wahdu l-Amerika ghand habib tieghu li kien jkollu d-droga. L- akkuzat xtara minghandu xi hamsa w sittin (65) gramma kokajina bil- prezz ta' tletin dollaru l-gramma. Meta mar lura l-Kanada Buttigieg tefa' din id-droga gewwa *envelope* u spediha bil-posta lejn Malta. Xi ftit gimghat wara, meta l-akkuzat irritorna lejn Malta, hu sab li din l- *envelope* bil-kokajina gewwa fiha kienet diga' waslet f'Malta.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Buttigieg talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(i)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f’xi zmien fix-xhur ta’ qabel Mejju tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (1999) Joseph Buttigieg siefer lejn l-Amerika. Meta kien qieghed hemmhekk l-akkuzat xtara blokka tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. Ftit qabel ir-ritorn tieghu lejn Malta, Buttigieg pogga din id-droga fil-*hand luggage* u gie lejn Malta bl-ajru b’dan il-*hand luggage*. L-ufficjali tad-Dwana stazzjonati fl-

Ajruport Internazzjonali ta’ Malta ma waqqfux lill-akkuzat mal-wasla tieghu hawn Malta u Buttigieg hareg mill-imsemmi Ajruport bir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* mohbija fil-*hand luggage* tieghu.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli importa jew gab Malta, jew esporta minnha, raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Buttigieg talli importa jew gab Malta, jew esporta minnha, raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 7, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f’Marzu tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (1999) Joseph Buttigieg siefer lejn il- Kanada mal-familja tieghu. Xi granet wara li wasal il-Kanada huwa nizel wahdu l-Amerika ghand habib tieghu li kien jkollu d-droga. L- akkuzat xtara minghandu xi hamsa w sittin (65) gramma kokajina bil- prezz ta’ tletin dollaru l-gramma. Meta mar lura l-Kanada, Buttigieg tefa’ din id-droga gewwa *envelope* u spediha bil-posta lejn Malta. Xi ftit gimghat wara, meta l-akkuzat irritorna lejn Malta, hu sab li din l- *envelope* bil-kokajina gewwa fiha kienet diga’ waslet f’Malta. Buttigieg, bil-hsieb li jittraffika din il-kokajina, nizzilha fl-ghelieqi tieghu f’Ghawdex u poggiha f’landa tan-Nescafè u sahansitra pprepara xi qratas bil-

kokajina li pogga wkoll f'din il-landa. Buttigieg beda jbiegh din il- kokajina lil diversi persuni bil-hamsa w tletin lira Maltin il-gramma. Dan il-bejgh kien isehh kemm fl-inhawi ta' l-ghelieqi tieghu kif ukoll billi jirrangaw mieghu billi jcemplulu fuq il-*mobile phone*. Fortunatament l- akkuzat inqabad mill-pulizija fl-10 ta' Mejju ta' dik l-istess sena w fil-fatt, waqt tfittxijiet li saru fil-proprjetà ta' l-akkuzat, instabu tlieta w ghoxrin qartas li fihom kien hemm id-droga kokajina f'ammont nett totali ta' cirka ghoxrin gramma.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenza mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir- Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Buttigieg talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il- Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija

mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi f'xi zmien fix-xhur ta' qabel Mejju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) Joseph Buttigieg siefer lejn l-Amerika. Meta kien qieghed hemmhekk l-akkuzat xtara blokka tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. Ftit qabel ir-ritorn tieghu lejn Malta, Buttigieg pogga din id-droga fil-*hand luggage* u gie lejn Malta bl-ajru b'dan il-*hand luggage*. L-ufficjali tad-Dwana stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ma waqqfux lill-akkuzat mal-wasla tieghu hawn Malta w Buttigieg hareg mill-imsemmi Ajruport bir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* mohbija fil-*hand luggage* tieghu w, bil-hsieb li jittraffika din id-droga, baqa' sejjer lejn Ghawdex. Buttigieg imbaghad beda jbiegh din ir-raza lil diversi persuni bil-prezz ta' ghaxar liri ghal kull bicca. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-pulizija fl-10 ta'

Mejju ta’ dik l-istess sena u fil-fatt, waqt tfittxijiet li saru fil-proprjetà ta’ l-akkuzat, instabu ‘l fuq minn mitt gramma tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli pproduca, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f’xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Buttigieg talli pproduca, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f’xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira

Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi f'xi zmien fil- granet u x-xhur ta' qabel l-10 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha w disghin (1999) l-akkuzat Joseph Buttigieg iddecieda li jibda jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*. Huwa akkwista xi zerriegha ta' din il-pjanta w zeraghhom fl-ghelieqi tieghu fl-inhawi ta' madwar Wied ta' Dahlet Qorrot, f'Ghawdex. L-akkuzat kien jikkultiva dawn il-pjanti kemm fl- ghelieqi kif ukoll fi xtieli w dan billi jikkurahom u jsaqqihom regolarment. Fortunatament din il-mixtla giet skoperta fl-10 ta' Mejju, 1999 u fil-fatt nstabu fil-pussess tieghu erbgha w ghoxrin pjanta tal-*Cannabis* f'ammont nett totali ta' kwazi mija w hamsin (150) gramma kif ukoll zerriegha ta' l-istess pjanta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli kkoltiva l-pjanta *Cannabis*.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Joseph Buttigieg talli kkoltiva l-pjanta *Cannabis*;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l- konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w

immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

6) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tielet kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioè fl-10 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Joseph Buttigieg kellu fil-pussess tieghu xi hamsa u sittin (65) gramma kokajina. Din id-droga kienet intiza biex tigi traffikata, u fil-fatt parti sostanzjali minnha giet traffikata, kif spjegat fit-tielet kap. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-Pulizija.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Buttigieg talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil- pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi indikati fit-tieni w fir-raba' kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioè fl-10 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha w disghin (1999) u fix- xhur ta' qabel, l-akkuzat Joseph Buttigieg kellu fil-pussess tieghu blokka tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. Din id-droga kienet intiza biex tigi traffikata, w fil-fatt parti

sostanzjali minnha giet traffikata, kif spjegat fir- raba’ kap. Fortunatament l-akkuzat inqabad mill-Pulizija.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi Joseph Buttigieg talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali

cirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

8) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmien Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi indikati fil-hames kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, w cioè fl-10 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha w disghin (1999) u fil-granet u x- xhur ta' qabel, l-akkuzat Joseph Buttigieg kellu fil-pussess tieghu erbgha w ghoxrin pjanta tal-*Cannabis* f'ammont nett totali ta' kwazi mija w hamsin (150) gramma kif ukoll zerriegha ta' l-istess pjanta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Buttigieg sar hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-

uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi Joseph Buttigieg talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elf lira (LM10,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors tal-21 ta' Mejju, 2009, ipprezentat mill-Avukat Generali w mill-akkuzat Joseph Buttigieg, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, talbu li, fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena

li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta' prigunerija ghall-periodu ta' hdax (11) il-sena w multa ta' hamsa w ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€ 25,600), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta' immobbli w mobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegat lill-akuzat bi kliem car x'ikunu il-konsegwenzi tat-talba tieghu kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1)(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Joseph Buttigieg hati tal-Kapi kollha li jinsabu fl-Att ta' l-Akkuza w cioe' talli :-

1. f'Marzu tas-sena 1999, mporta, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida, w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;

2. f'xi zmien fix-xhur ta' qabel Mejju tas-sena 1999, importa jew gab Malta, jew esporta minnha, raza mehuda mill- pjanta *Cannabis*, w dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza;

3. f'Marzu tas-sena 1999, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l- imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenza mill-

Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan skond it-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza.

4. f'xi zmien fix-xhur ta' qabel Mejju tas-sena 1999, pproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

5. f'xi zmien fil-granet u x-xhur ta' qabel l-10 ta' Mejju, tas-sena 1999, kkoltiva l-pjanta *Cannabis,* u dan skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.

6. fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tielet Kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuza w cioe' fl-10 ta' Mejju, tas-sena 1999 u fil- gimghat ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina

meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru

responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-

Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali

cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dan skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.

7. fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fit-tieni w fir-raba' Kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuza, w cioe' fl-10 ta' Mejju, tas-sena 1999 u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta

*Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil- licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-

droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi

jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess

tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dan skond is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

8. fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fil-hames Kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuza, w cioe' fl-10 ta' Mejju, tas-sena 1999 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija w dan skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali tal-hati;

Rat illi l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu dwar il-piena li ghandha tinghata lill-hati f' dan il-kaz liema piena hija ndikata fir-rikors taghhom konguntiv fuq imsemmi;

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati w ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi

kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv fuq imsemmi huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 7, 8(b)(c), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(i)(1B)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-Regoli 4(a) u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 17(b) u (h), 23, 453A (1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati**, Joseph Buttigieg, kif mitlub mill-partijiet a tenur tal-artikolu 453A (1)(2) tal-Kap. 9,** ghall-piena komplessiva ta' hdax (11) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi w li taghhom instab hati - u ghall-multa ta' hamsa w ghoxrin elf u sitt mitt Ewro
(€ 25,600), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif kienet fiz-zmien tar-reati, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mija w tlieta w sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmi (€1163.41c), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------